



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.12.2013
COM(2013) 882 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESS

għall-

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Qafas tal-Kwalità tal-UE
għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar**

ANNESS I

DIRETTIVI TAL-UE DWAR L-INVOLVIMENT U L-PROTEZZJONI TAL-IMPJEGATI F'SITWAZZJONIJIET TA' RISTRUTTURAR

Il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ ta' insolvenza tal-impjegatur tagħhom:

- id-Direttiva dwar l-insolvenza tal-impjegaturi (2008/94/KE) għandha l-għan li tiprovd protezzjoni minima għall-impjegati f'każ ta' insolvenza tal-impjegatur tagħhom. Tobbliga lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxi korp (istituzzjoni ta' garanzija) biex jiggarrantixxi l-ħlas tal-pretensjonijiet pendenti tal-impjegati. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jieħdu l-miżuri neċċesarji biex jiżguraw li n-nuqqas ta' l-ħlas tal-kontribuzzjoni jiet obbligatorji dovuti mill-impjegatur, qabel bdiet l-insolvenza tiegħu, ma jaffettwax b'mod avvers l-intitolamenti għal beneficij tal-impjegati fid-dawl tal-fatt li l-kontribuzzjoni jiet tal-impjegati tnaqqsu fis-sors mir-remunerazzjoni tagħhom;

L-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' ħaddiema fil-livell nazzjonali:

- id-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (2002/14/KE) tfitteż li ssaħħħa id-djalogu fi ħdan l-impriżi u tiżgura l-involviment tal-impjegati upstream mit-teħid ta' deċiżonijiet bil-għan li jiġu antiċipati aħjar il-problemi u jiġu evitati kriżijiet. Tapplika għal impriżi li għandhom minimu ta' 50 impjegat jew stabbiliment b'tal-inqas 20 impjegat u tipprevedi rrappreżentanti tal-impjegati għandhom ikunu mgħarrfin u kkonsultati dwar l-iżviluppi fis-sitwazzjoni ekonomika tal-impriża, l-iżvilupp tal-impieg u d-deċiżonijiet li aktarx li jwasslu għal bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew ir-relazzjonijiet kuntrattwali;
- id-Direttiva relatata mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' imprezi, negozji jew partijiet ta' imprezi jew negozji (2001/23/KE) tistipula li d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt tal-impieg jew relazzjoni tax-xogħol li tkun teżisti fid-data ta' trasferiment, għandhom ikunu trasferiti miċ-ċedent (il-parti li ma tibqax l-impjegatur), liċ-ċessjonarju (l-impjegatur “il-ġdid”, fil-qosor). Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll li t-trasferiment ma jistax jikkostitwixxi raġunijiet għal sensja miċ-ċedent jew miċ-ċessjonarju. Minbarra l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, id-Direttiva dwar it-trasferimenti ta' imprezi, negozji jew partijiet ta' negozji tiprovd li kemm iċ-ċedent kif ukoll iċ-ċessjonarju jridu jipprovdu informazzjoni speċifikata lir-rappreżentanti tal-impjegati affettwati mit-trasferiment propost u, jekk xi parti tipprevedi miżuri relatati mal-impjegati, ir-rappreżentanti tagħhom iridu jkunu kkonsultati sabiex jintlaħaq ftehim;
- id-Direttiva dwar redundancies kollettivi (98/59/KE) tistabbilixxi li impjegatur li jippjana sensji kollettivi jrid jipprovdi lir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'informazzjoni speċifikata dwar is-sensji proposti u jrid jikkonsulta mar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-ħin sabiex jintlaħaq ftehim. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom ikopru modi ta' kif jiġu evitati jew kif jitnaqqsu s-sensji, u ta' mitigazzjoni tal-konsengwenzi tagħhom permezz ta' rikors għal miżuri soċjali ta' akkumpanjament li, b'mod partikolari, għandhom l-għan li jgħin fit-tqassim mill-ġdid u t-taħbi mill-ġdid tal-ħaddiema ssensjati. Id-Direttiva tistipula wkoll li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu notifikati dwar kwalunkwe sensji kollettivi ppjanati, u teħtieġ li dawn is-sensji ma jistgħux jidħlu fis-seħħ fis-qabel minimu ta' 30 jum wara din in-notifika;

L-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' ħaddiema fil-livell transnazzjonali:

- id-Direttiva dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħol jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' tagħrif u ta' konsultazzjoni għall-impreġġati (94/45/KE, imfassla mill-ġdid mid-Direttiva 2009/38/KE) tapplika għal impreżi jew gruppi b'tal-inqas 1 000 impreġġat u tal-inqas 150 impreġġat f'kull wieħed minn żewġ Stati Membri. Tawtorizza t-twaqqif ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħol, rappreżentant tal-impreġġati fl-Istati Membri fejn jopera l-grupp, li għandu jkun mgħarraf u kkonsultat dwar il-progress tan-negozju u dwar kwalunkwe bidla importanti prevista;
- tliet Direttivi jipprovdha għall-invovlment tal-impreġġati (jiġifieri informazzjoni, konsultazzjoni u f'ċerti każiċċiet parteċipazzjoni fl-awtorità ta' sorveljanza jew il-bord tad-diretturi) f'kumpaniji li jadottaw l-Istatut għal Kumpanija Ewropea (Direttiva 2001/86/KE) jew l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (2003/72/KE) jew li ġejjin minn mergers transkonfinali (2005/56/KE).

INIZJATTIVI RIĊENTI FIL-QASAM TA’ ANTIĊIPAZZJONI U ĠESTJONI TAL-BIDLA U R-RISTRUTTURAR

Fl-aħħar snin, il-Kummissjoni Ewropea nediet bosta inizjattivi speċifiki fil-qasam ta’ antiċipazzjoni u ġestjoni tal-bidla u r-ristrutturar (eż. il-ħolqien tal-Forum dwar ir-Ristrutturar, li fih ġew diskussi ħafna eżempji ta’ prattiki innovattivi). Fl-2002 u l-2005, saru żewġ serje ta’ konsultazzjonijiet tal-imsieħba soċjali Ewropej, li wasslu għal sett ta’ “Orjentazzjonijiet għal referenza fil-ġestjoni ta’ bidla u l-konseguenzi soċjali tagħha”¹. Madankollu, it-test ma pprovdiekk għal xi mekkaniżmu xieraq ta’ tqassim u implimentazzjoni u fil-parti l-kbira għadu mwarrab.

Il-Kummissjoni Ewropea ffinanzjat ukoll bosta studji fuq dan is-suġġett² u appoġġġat lill-Programm ta’ Ħidma tal-Imsieħba Soċjali Konġunti Ewropej li jinkludi wkoll proġett integrat dwar ir-ristrutturar fil-pajjiżi tal-UE27.

Fl-2009 il-Kummissjoni ppubblikat ġabra utli tal-aħjar prattiki eżistenti fl-Ewropa dwar l-antiċipazzjoni, it-ħejja u l-ġestjoni tajba tar-ristrutturar bit-titlu “Checklist for Restructuring Processes” (“Lista ta’ Kontroll għall-Proċessi ta’ Ristrutturar”)³. Din il-Lista ta’ Kontroll għandha titqies bħala waħda li tissupplimenta u tikkomplimenta s-sett tal-aħjar prattiki spjegati fil-QFR propost.

Anki d-database tal-ERM tal-Eurofound dwar l-strumenti ta’ appoġġ għar-ristrutturar⁴ tipprovdi informazzjoni dwar madwar 400 miżura fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u n-Norveġja. Il-gvernijiet nazzjonali, organizzazzjonijiet tal-impiegaturi u trejdjunjins huma fost il-korpi li jipprovd appoġġ lill-kumpaniji li għandhom bżonn ta’ ristrutturar u l-impiegati affettwati. L-strumenti ta’ appoġġ huma deskritti f’termini tal-karatteristiċi tagħhom, l-atturi involuti, is-sorsi ta’ finanzjament, f’xiex jgħinu l-iktar, id-dgħjujiet u l-eżi tagħhom. L-għan huwa li l-gvernijiet nazzjonali, l-imsieħba soċjali u l-oħrajn involuti jkunu informati dwar x’tipi ta’ appoġġ jistgħu jkunu offruti.

Fl-2012, il-Green Paper dwar ir-Ristrutturar⁵ tal-Kummissjoni Ewropea identifikat prattiki u politiki li rnexxew fil-qasam tar-ristrutturar u l-adattament għall-bidla sabiex jiġu promossi l-impiegati, it-tkabbir u l-kompetittività bħala parti mill-istrateġija Ewropa 2020.

Fl-aħħar, fil-15 ta’ Jannar 2013 il-Parlament Ewropew adotta r-Rapport ta’ Cercas b’talbiet speċifiki lill-Kummissjoni sabiex taġixxi fil-qasam tar-ristrutturar.

¹ <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=782&langId=mt>

² Ara, pereżempju, il-proġett iffinanzjat mill-proġett pilota tal-Parlament Ewropew “Accompanying workers during industrial change” (“Nakkumpanjaw lill-ħaddiema matul il-bidla industrijal”) u mmexxi miċ-Ċentru Internazzjonali għat-Taħriġ tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ITC-ILO, Turin) b’deskrijonji kompreksiva tas-sistemi nazzjonali ta’ antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturar tal-UE27 fuq <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=819&langId=mt>

³ <http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=782&langId=mt>

⁴ <http://www.eurofound.europa.eu/emcc/erm/supportinstruments/>. Ara wkoll “Public instruments to support restructuring in Europe - ERM Report 2011” (“Strumenti pubbliċi biex isostnu r-ristrutturar fl-Ewropa - Rapporto tal-ERM 2011”), <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1165.htm>

⁵ (COM(2012 7 finali),

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=mt&catId=699&consultId=9&furtherConsult=yes>

ANNESS II

GWIDA TAL-UE DWAR PRATTIKI TAJBIN DWAR L-ANTIĊIPAZZJONI U L-ĠESTJONI TAR-RISTRUTTURAR FL-INDUSTRIJA AWTOMOBILISTIKA U TAL-AZZAR

KAROZZI

Il-Pjan ta' Azzjoni CARS 2020 li ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea fit-8 ta' Novembru 2012 jelenka numru ta' miżuri politiċi speċifiċi li jridu jitiegħdu fis-snin li ġejjin. Wara, il-Kummissjoni nediet **il-Grupp ta' Esperti ta' CARS 2020 biex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.**

B'referenza partikolari għall-kwistjoni ta' aġġustament industrijali, il-Pjan ta' Azzjoni CARS 2020 jisħaq li djalogu soċjali tajjeb fil-livelli kollha (livelli tal-kumpaniji, lokali, nazzjonali u tal-UE) huwa element ewljeni fl-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tajba tal-proċessi ta' ristrutturar. Il-proċess ta' ristrutturar huwa r-responsabilità primarja tal-industria, iżda hemm rwol komplimentari għall-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ġadet impenn sabiex:

- tkompli tissorvelja/tanalizza attivitajiet ta' ristrutturar fir-rigward tal-konformità stretta tagħhom mal-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u dwar is-suq intern.
- tidentifika prattika tajba u tippromwovi approċċ antiċipattiv fir-ristrutturar f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tar-reġjuni intensivi fil-qasam awtomobilistiku, l-awtoritajiet tal-impjieg u l-partijiet interessati tas-settur, inklużi l-imsieħba soċjali.
- it-tnejja mill-ġdid tat-task force bejn is-servizzi biex tistudja u tagħti segwit u għall-każijiet ewlenin ta' għeluq tal-impjanti awtomobilistiċi jew tiċkin sinifikanti. It-task force kienet attiva u ferm effiċċienti f'każijiet tal-industria awtomobilistika fl-imgħoddi. It-task force tissimplifika l-użu tal-Fondi relevanti tal-EU (billi tipprovd assistenza teknika, tnaqqas iż-żmien ta' stennija, tagħti pariri dwar l-iktar użu effettiv ta' riżorsi, tissorvelja u tirrapporta).
- għall-każijiet ta' għeluq ta' impjanti u tiċkin sinifikanti, tistieden lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw l-użu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG).
- theggex lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu minn skemi ta' flessibilità fuq ix-xogħol u l-kofinanzjament tagħhom mill-FSE b'appoġġ tal-fornituri li jaf ikollhom bżonn iktar ħin biex isibu klijenti ġodda wara l-għeluq/it-tiċkin ta' impjant awtomobilistiku.

AZZAR

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Azzar ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea fil-11 ta' Ġunju 2013⁶. Dan jelenka numru ta' miżuri politiċi speċifiċi li għandhom jittieħdu fis-snin li ġejjin. Wara, il-Kummissjoni nediet **il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli** dwar l-Azzar biex jissorvelja l-implementazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri sabiex:

- jixtarru l-possibilità li flimkien mal-awtoritajiet reġjonali jużaw il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għat-taħriġ mill-ġdid u l-kisba ta' hillet ġodda għall-ħaddiema, inkluż permezz tat-twaqqif ta' miżura ta' finanzjament speċifika relatata mas-settur tal-azzar,
- jixtarru l-possibilità li jużaw **fondi strutturali**, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali, fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, bil-għan li jittaffew l-impatti soċjali tar-ristrutturar fis-settur tal-azzar,
- iħaffu d-djalogu bejn l-imsieħba soċjali ħalli jintlaħaq ftehim dwar inizjattivi temporanji biex jinżammu l-impieg, bħall-possibilità li jiddaħħlu skemi ta' **flessibilità fuq ix-xogħol**, b'mod partikolari fir-rigward ta' aġġustament ċikliku.

L-industrija kienet mistiedna:

- tieħu rwol attiv fir-**rimedju tad-disparità fil-hillet** u n-nuqqas ta' hillet,
- tkompli bl-**adattament meħtieġ tal-industrija** skont l-aħjar prattiki dwar l-antiċipazzjoni ta' bidla u ristrutturar, inkluż permezz ta' djalogu soċjali u involviment xieraq tal-partijiet interessati reġjonali,
- tanalizza **ħtiġijiet ta' ristrutturar u aġġustamenti fil-kapaċità** possibbi fid-dawl tad-domanda fil-ġejjeni ta' setturi importanti, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-bżonn ta' indirizzar b'mod differenti tax-xejriet strutturali u ċikliċi,
- **tikkoopera ma' partijiet interessati oħrajn**, speċjalment fl-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali fl-iżgurar li tiġi indirizzata **l-kapaċità żejda** ċiklika permezz ta' **miżuri temporanji sostnuti b'mod pubbliku** li jiippreservaw l-impiegħi fit-tul.

⁶ http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/metals-minerals/files/steel-action-plan_en.pdf